

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2013 — Biodes vs UASI — Manasul Internasional (FARMASUL)**

(Kawża T-553/10) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva FARMASUL — Trade mark Spanjola figurattiva preċedenti MANASUL — Raġuni relativa għal rifut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Karatru distintiv tat-trade mark preċedenti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”)

(2013/C 123/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Biodes, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: E. Manresa Medina, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Manasul Internasional, SL (Ponferrada, Spanja) (rappreżentant: M. I. Escudero Pérez, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Settembru 2010 (Każ R 1034/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Manasul Internasional, SL u Biodes, SL.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Biodes, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2013 — Inglewood et vs Il-Parlament Ewropew**

(Kawża magħquda T-229/11 u T-276/11) <sup>(1)</sup>

(“*Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-membri tal-Parlament Ewropew — Skema ta' pensjoni addizzjonali — Deċiżjonijiet li jiċħdu talbiet intiżi għall-ibbenefikar mid-dispożizzjonijiet fis-seħħ qabel l-lemenda tal-iskema ta' pensjoni addizzjonali fl-2009 — Eċċezzjoni ta' illegalità — Drittijiet miksuba — Aspettativi leġittimi — Proporzjonalità — Ugwaljanza fit-trattament*”)

(2013/C 123/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Lord Inglewood (Penrith, ir-Renju Unit) u l-għaxar rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-Anness għas-sentenza (Kawża T-229/11); kif ukoll Marie-Arlette Carlotti (Marseille, Franza) (Kawża T-276/11) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Lorenz, M. Windisch u K. Pocheć, aġġenti)

**Suġġett**

Talbiet għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew li jirrifjutaw li jagħtu lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-pensjoni addizzjonali volontarja tagħhom jew b'mod antiċipat, jew fl-età ta' 60 sena, jew parzjalment fil-forma ta' somma f'daqqa

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikorsi huma miċħuda.

(2) Lord Inglewood u l-għaxar rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-Anness kif ukoll Marie-Arlette Carlotti huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 30, 29.1.2011.

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 16.7.2011.